MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1688/2005

**Pace & Mercieca Limited**

**vs**

**Andrew Mifsud**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) rapprezentanti import ta' cheque bin-numru 64 li ma giex onorat mill-bank, b'l-imghaxx mid-data tac-cheque rispettiv u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2 u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fis-6 ta'Settembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------